



# L-Arma ta' Santa Katarina Fil-Paviment ta' l-Irħam

Kitba tal-Kan. Dun Joe Abela B.A. (Hons.); Lic.D.; H.E.L.

- L-Arma ta' Santa Katarina fiċ-Ċentru
- Opra mill-isbaħ tal-Marmista Giovanni Buhagiar
- Buhagiar iħabbat wiċċu mal-imwiet
- In-nannu tal-Kanonku Dun Ġużepp Bonello

Fost il-ħafna opri sbieħ li jżejnu l-knisja parrokkjali taż-Żejtun, bla dubju ta' xejn għandna l-paviment ta' l-irħam, wieħed mill-isbaħ pavimenti fil-knejjes Maltin. Dan il-paviment inħadem bejn is-snin 1886 u 1891 mill-marmista **Giovanni Buhagiar** fuq disinn tal-Prof. **Nikola Zammit**, li fid-disinn tiegħu mhux biss segwa fedelment l-arkitettura tal-knisja, iżda wkoll għamel użu minn irħam ta' diversi kuluri, għalkemm l-aktar li uża kien l-abjad u l-griż. Il-kursija hi mżejna b'diversi armi fiċ-ċentru tagħha u matulha kollha, mill-bieb ta' barra sal-presbiterju.

### *L-Arma ta' Santa Katarina*

Nikola Zammit ta importanza kbira lill-arma ta' Santa Katarina, b'tali mod li qegħidha eżattament taħt it-tarġiet tal-presbiterju, quddiem l-altar maġġur, li żgur hu l-aktar post prominenti u ċentrali fil-knisja kollha. Jekk viżitatur joqgħod wieqaf bejn il-lampier tan-nofs u t-tarġiet tal-presbiterju biex jammira mill-viċin l-altar maġġur, bilfors ikollu jara din l-arma ta' Santa Katarina. Hu ddisinjaha fit-tond, hekk li r-rota bis-skieken, simbolu ta' wieħed mill-mezzi li bihom Massiminu ried jagħti l-martirju lil Santa Katarina, hi riprodotta sħiħa, u mhux b'parti minnha nieqsa kif soltu narawha. Sejf, li jfakkrek fil-qtugħ ir-ras tal-Verġni Martri, jorbot l-arma kollha. Fuqu tistrieħ ir-rota, żewġ palmiet li jibbilanċjaw eżattament lil xulxin, huma marbuta b'żigarella miegħu, u fuq nett, il-kuruna li tfakkrek fin-nobbilta` ta' Santa Katarina, isserraħ fuqu u fuq ir-rota. B'hekk Zammit irnexxielu jiġbor flimkien is-simboli tal-martirju tal-qaddisa patruna tagħna. Din l-arma imbagħad, hi mdawra minn diversi ċrieki ta' rħam abjad u griż, li jkomplu jenfasizzaw l-importanza tagħha.

### *Alfa*

Zammit qiegħed l-armi fin-nofs tal-kursija quddiem l-ispazju maħluq mill-kappelli tan-navi, b'tali mod illi fin-nofs bejn l-altari tal-Madonna tal-Karmnu fuq il-lemin, u l-altar ta' San Ġużepp fuq ix-xellug, qiegħed disinn tal-*Alfa*. Din hi l-ewwel ittra tal-alfabett Grieg u allura tfakkrek li Alla hu l-bidu ta' kollox. Din l-emblema qiegħda fiċ-ċentru ta' disinn kbir bi tmien ponot, qishom żewġ kwiekeb fuq xulxin. It-tmien ponot ifakkruk fit-tmien beatitudnijiet . Fil-vojt bejn il-pilastri faċċata ta' xulxin, Zammit ħoloq disinn kompost minn strixxi dritti ta' rħam, li mhux biss isegwu l-arkitettura tal-knisja, iżda wkoll jgħaqqdu l-pilastri flimkien. Fin-nofs kull darba qiegħed ċirku ta' rħam aħmar bejn żewġ nofs ċrieki ta' rħam griż.

### *Christos*

Fin-nofs tal-knisja, bejn il-kappelli ta' San Pawl fuq naħa, u tal-Qalb ta' Ġesu` fuq in-naħa l-oħra qiegħed il-***Christos***, l-ittra X fuq l-ittra P, li huma ittra kapitali mill-alfabett Grieg, **Chi** u **R**. Hekk kien jixraq li jsir, għaliex ma rridux ninsew li Ġesu` Kristu hu l-awtur tas-salvazzjoni tagħna u l-fundatur tal-Knisja. Din l-arma qiegħda eżattament fiċ-ċentru ta' salib kbir, li fit-truf tal-erba' dirgħajn indaqs tiegħu, hu mżejjen bi rħam ikħal rari u prezzjuż. Hekk Zammit irnexxielu jsib mezz biex ifakkarna li l-knisja, għalkemm iddedikata lil Santa Katarina, hi wkoll il-post fejn niltaqgħu ma' Ġesu` fit-talb u fejn nirċievu s-sagramenti mwaqqfa minnu, mod speċjali l-Ewkaristija Mqaddsa.

### *Omega*

Fl-ispazju tal-kursija bejn l-altari ta' Sant' Andrija u ta' San Mikiel, naraw l-***Omega***, li hi l-aħħar ittra tal-alfabett Grieg, biex tfakkarna li l-Mulej mhux biss hu l-bidu, iżda wkoll it-tmiem ta' kollox. Aħna ġejna maħluqa minnu, biex xi darba, wara li nkunu għexna tajjeb f'din id-dinja, immorru ngawduh għal dejjem fis-sema. Din l-emblema hi mdawra b'ċirku ta' rħam, li minn taħtu joħorġu erba' disinji għall-ponta fl-erba' direzzjonijiet tar-riħ.



### L-Arma taż-Żejtun

Eżattament taħt l-*Omega*, u bejn in-niċċa ta' Santa Katarina u l-Fonti tal-Magħmudija, Zammit qiegħed **arma sabiħa taż-Żejtun** b'irħam ikkulurit fejn s'intendi, jispikka l-aħdar tas-salib fuq sfond abjad, li aħna tant imdorrijin naraw fil-bnadar iperpru mar-riħ, u bil-kuruna fuq nett, li allura tfakkarna li ż-Żejtun għandu t-titlu ta' belt, u b'żewġ fergħat taż-żebbuġ aħdar in-naħa t'isfel. Taħt nett imbagħad, naraw miktub bil-Latin, ***Palladis clara munere*** - "magħrufa għad-don ta' l-intelliġenza" - riferenza ċara għal Santa Katarina. Pallas kienet l-alla pagana Griega tal-għerf, iżda wkoll kienet hi li kabbret siġra taż-żebbuġ. Allura r-riferenza hi wkoll għaż-Żejtun.

### Kitba ta' Tifkira

Fid-daħla dejqa tal-knisja, bejn il-bieb ċentrali u l-purtiera, Zammit qiegħed kitba bil-Latin:

*Curiatorum stipe*
*Privatisque largionibus*
*Templi huius pavimentum*
*Antonius Psaila D.D. Curio*
*Paroeciæ primus archipresbyter renuntiatus*
*Marmore sterne curavit*
*Anno Dni MDCCCCXCI*

Hi kitba mela, li tgħidilna li dan il-paviment ta' rħam (qed tirreferi biss għall-kursija) sar fl-1891 bil-ħidma ta' Dun Anton Psaila, l-ewwel arċipriet ta' din il-parroċċa, bi flus miġbura mingħand il-poplu u mingħand benefatturi privati. Eżattament taħt din il-kitba bil-Latin, b'ittri tant irqaq li bilkemm tinduna bihom, hemm miktub: ***G. Buhagiar fecit:*** ix-xogħol sar minn **Giovanni Buhagiar**.

### Mhux l-ewwel Xogħol ta' Rħam

Nibdew biex ngħidu li l-kisi tal-kursija bl-irħam ma kienx l-ewwel xogħol fl-irħam li sar f'din il-knisja parrokkjali. L-ewwel ma sar kien l-**altar maġġur** fl-1744 mill-Fratellanza tas-Sagrament, meta prokuratur kien il-Kapumastru Giacomo Bianco. Bil-mod il-mod bdew isiru wkoll fl-irħam l-altari tal-kappelluni u l-kappelli. Kien fl-1805, meta kappillan taż-Żejtun kien Dun Bert Sant u prokuratur tal-knisja kien Dun Alwiġ Baldacchino, li sar il-paviment ta' rħam, tal-**presbiterju**. Tistenna li din il-parti tal-knisja kellha tkun l-ewwel sezzjoni li tinkesa bl-irħam. Sadattant il-bqija tal-knisja kienet għadha miksija biċ-ċangaturi tal-ġebla, u fil-festa kienu jagħtuha dehra oħra billi jiksu l-art b'ħafna friegħi u weraq aħdar. Fl-1848 imbagħad, sar fl-irħam ta' Carrara il-**Fonti tal-Magħmudija** fuq stil neo-klassiku, meta prokuratur tal-knisja kien Dun Alwiġ Abela. Ħallsu għal dan il-fonti l-mejjet kappillan Dun Bert Sant u neputih Dun Ġużepp Felici. Wara numru ta' snin, kien biss fl-1889 li sar bl-irħam il-paviment tal-**kappella tal-Karmnu** bil-ħidma ta' Ġanni Bonnici, li kien inkarigat mill-ħaddiema tal-faħam fil-Port il-Kbir.

**Tlieta** kienu l-persuni marbutin b'mod speċjali mal-paviment ta' rħam tal-kursija: L-Arċipriet **Dun Anton Psaila**, id-disinjatur **Nikola Zammit**, u l-marmista **Giovanni Buhagiar**.

### L-Arċipriet Dun Anton Psaila

**Dun Anton Psaila S.Th.D.** kien twieled f'Ħal-Balzan, iben Injazju u Elena, u ordna saċerdot fit-23 ta' Diċembru, 1871. Sar kappillan taż-Żejtun fit-13 t'Awissu, 1880, iżda fl-1889 beda jissejjaħ arċipriet meta l-parroċċa taż-Żejtun ġiet mgħollija għad-dinjita` arċipretali. Kien bil-ħidma tiegħu li fl-1885, Ġulju Cauchi għamel il-qanpiena l-kbira. Kien joqgħod f'Misraħ Girgor Bonici, fejn illum hemm iċ-Ċirkolu Mużikali Santa Katarina, l-istess dar fejn kienu wkoll joqogħdu ż-żewġ kappillani ta' qablu. Malli Psaila spiċċa miż-Żejtun fl-1897 biex sar monsinjur, Marsaxlokk inqata' miż-Żejtun biex sar parroċċa għalih, iżda kien Dun Anton Psaila, meta kien għadu arċipriet taż-Żejtun, li ħa ħsieb tinbena l-ewwel knisja parrokkjali ta' Marsaxlokk. Psaila miet fl-1920.

Għalkemm ix-xogħol tal-paviment tal-kursija tlesta fl-1891, jidher li kien ilu sejjer, tant li l-ġbir ta' flus għalih kien ilu xi snin li beda. Difatti fl-1886 is-saċerdot żagħżugħ u ħabrieki, **Dun Lawrenz Degabriele**, li kien ukoll prokuratur tal-knisja parrokkjali, kien diġa' qed jiġbor il-flus għal din l-opra, u ħallielna manuskritt li fih id-donazzjonijiet kollha mniżżlin (1). Dan il-manuskritt hu interessanti, għaliex barra l-ismijiet tad-donaturi u s-somom ta' flus li kienu jikkontribwixxu, Dun Lawrenz kien iniżżel ukoll il-laqmijiet tal-familji, u għalhekk id-dokument għandu wkoll valur soċjali. Jidher ċar ukoll li, għalkemm il-paviment tlesta fl-1891, il-marmista Giovanni Buhagiar kien ilu ż-żmien jaħdem fuqu, għaliex f'Novembru, 1886 hu tħallas £100 u ħames xhur wara rċieva £62 oħra. Kien isir ħafna ġbir fit-toroq. Hekk, per eżempju, fit-12 ta' Jannar, 1887, Dun Lawrenz niżżel li kien daħħal £100 ***dalle questure nelle strade*** (2).

### Id-Disinjatur Nikola Zammit

Indubbjament importanza kbira wkoll kellu d-disinjatur il-**Prof. Nikola Zammit** (1815 - 1899), bniedem mill-aktar bravu f'kull qasam ta' l-istorja u l-arti, li twieled fis-Siġġiewi fil-21 ta' Novembru, 1815. Tassew kien jixraqlu li s-Siġġiwin għamlulu monument ftit tas-snin ilu f'post prominenti viċin l-iskola tal-gvern. Il-paviment taż-Żejtun, li sar fuq disinn tiegħu, hu kkunsidrat bħala wieħed mill-aqwa xogħlijiet tiegħu. Zammit kien filosfu, tabib u arkitett, editur u direttur ta' ***La Crociata, La Fenice*** u ***L'Arte***. Għallem il-filosofija fl-Universita` ta' Malta; kiteb dwar il-provista ta' l-ilma fil-Gżejjer Maltin; awtur ta' bosta biografiji ta' nies prominenti Maltin u ta' ktieb dwar l-istorja ta' Malta; għallem l-ekonomija politika, arkitettura u skultura; għamel pjanti ta' djar u disinji ta' bosta opri artistiċi li jżejnu ħafna mill-knejjes Maltin; tiegħu huma d-disinji tal-faċċati tal-knejjes parrokkjali ta' San Pawl, Valletta, u tal-Furjana. Insomma ħaddem it-talenti tiegħu f'kull qasam u għall-ġid ta' Malta u tal-Maltin (3).

### Il-Familja tal-Marmista Giovanni Buhagiar

Iżda żgur li ma nistgħux niktbu dwar il-paviment taż-Żejtun u nħallu barra l-bravu marmista li għamlu: **Mastru Giovanni Buhagiar**. Sfortunatament ħadd qatt ma kiteb dwar dan l-artist u li ma kenitx il-kitba rqiqa, kważi inviżibbli, fil-paviment stess, ismu kien jintesa għal kollox. Nhar is-26 ta' Settembru, 1841, Mastru Feliċ Buhagiar, iben Salvatore u Ewfemja, minn Ħaż-Żebbuġ, iżżewweġ fiż-Żejtun lil Antonia Zahra. Wisq probabbli li l-ewwel ftit snin tal-ħajja miżżewġa tagħhom, m'għaddewhomx fiż-Żejtun, għaliex sas-sena 1850 fiż-Żejtun ma twelditilhom



*Arma ta' Santa Katarina fil-paviment ta' l-irħam ikkulurit. Marmista Giovanni Buhagiar fuq disinn tal-Prof. Nikola Zammit 1891.*

ebda tarbija, filwaqt li mil-lista taż-Żwieten ta' wara, insiru nafu li f'dawn is-snin tfal kellhom, fosthom lil Giovanni, li twieled fis-sena 1842 jew 1843. Dan nafuh għaliex fis-sena 1892, meta miet, l-arċipriet taż-Żejtun niżżel li kellu 50 sena, filwaqt li fil-lista taż-Żwieten tal-1883 hemm imniżżel li kellu 40 sena! (4) Fiż-Żejtun, fejn Feliċ u martu Antonia ġew joqogħdu mbagħad tweldulhom Mikiel (1850), Anna (1852), Gio Batta (1856), li wara sar qassis, monsinjur u kantur tal-katidral, u Franġisku (1859). Interessanti li l-parrinu ta' dan Franġisku kien minn Ħaż-Żebbuġ, il-parroċċa ta' missieru Feliċ. Tidher ukoll rabta mal-Qrendi, rabta li jeħtieġ tiġi nvestigata. Giovanni tgħallem is-sengħa ta' marmista mingħand missieru meta kien qed jitrabba fiż-Żejtun.

### It-Tliet Żwiġijiet ta' Giovanni Buhagiar

Meta kiber iċ-ċirkustanzi kefrin tal-ħajja ġiegħlu lil Giovanni jiżżewweġ tliet darbiet. L-ewwel iżżewweġ liż-Żejtunija **Maria Farrugia** fil-knisja ta' Santa Marija fiż-17 ta' Mejju, 1864 (5), u minnha kellu tarbija waħda, Maria Theresa, iżda din l-ewwel mara mietitlu fit-3 ta' Ġunju, 1865, (6), meta hu kien għadu ta' madwar 22 sena! Fit-12 ta' Ġunju, 1867, hu żżewweġ fil-knisja ta' l-Ispirtu s-Santu liż-Żejtunija **Ġużeppa Zerafa** (7), bint l-ispiżjar Francesco Saverio, u minn Triq Santa Marija mar joqgħod fi Triq l-Ispirtu s-Santu, il-Gwiedi (8). Minn din it-tieni mara Giovanni kellu numru ġmielu ta' tfal: Carmelus (1870), Francesca Saveria (1873), Alphonsus (1875), Emilia (1876), Giuseppe (1877) u Pius Philippus (1879). Iżda x-xorti reġgħet tatu bil-ħarta lill-imgħallem Buhagiar, għaliex din Ġużeppa, it-tieni mara mietitlu fid-19 t'Ottubru, 1880, fl-eta` ta' 35 sena (9). Baqa' waħdu ma' numru kbir ta' tfal għadhom jitrabbew! Ma tistagħġibx li fittex it-tielet sieħba biex tgħinu. Fil-fatt iżżewweġ lit-tielet mara, **Maria Concetta Gusman**, din id-darba Bormliża, fis-16 ta' Settembru, 1884 (10). Ftit li xejn dam joqgħod Bormla, għaliex ix-xogħol tal-irħam sejjaħlu lejn iż-Żejtun. Minn Maria Concetta kellu dawn l-erbat itfal, li kollha twieldu fiż-Żejtun: Feliċ (1885), li meta kiber ħa s-sengħa ta' marmista mingħand missieru u kellu l-ħanut fil-Blata l-Bajda; Maria Ġużeppa (1886), Ġużeppi (1889), li meta kiber siefer fl-Istati Uniti, u ż-żgħira nett, **Antonia** (1891), li taħbat il-mamaċ tal-



Kanonku ta' Bormla, **Dun Ġużepp Bonello**.

***L-Imħabba ta' Buhagiar għaż-Żejtun***

Fis-snin 1886 - 91, Giovanni kien joqgħod fiż-Żejtun fejn kien okkupat bix-xogħol tal-irħam fuq il-paviment tal-kursija. Kien joqgħod bil-familja f'dar fi Triq il-Madonna tal-Bon Kunsill, kważi quddiem fejn illum hemm l-Għassa tal-Pulizija. Din kienet triq magħrufa għan-nies prominenti li kienu jgħixu fiha, fosthom il-familja ta' Giovanni Farrugia, skultur u statwarju fil-ġebel, iben il-magħruf Xandru Farrugia. Giovanni Buhagiar tant kien iħobb liż-Żejtun li la hu u lanqas il-familja tiegħu ma qatt riedu jabbandunaw din id-dar, tant li fit-Tieni Gwerra Dinjija, il-familja tal-Kanonku Bonello, li allura kien għadu żagħżugħ, sabu rifuġju fiha matul il-gwerra kollha. Għaliex Antonia, li kellha l-isfortuna li titrabba ħajjitha kollha mingħajr missier, li l-Mulej sejjaħlu meta hi kellha biss sena waħda, meta kibret l-ewwel iżżewġet f'Bormla lil Salvatore D'Amato fl-1922, u wara li romlot iżżewġet fiż-Żejtun lil **Nazzareno Bonello**, iben Ġużeppi, mill-Isla (11). Fl-1927 f'Bormla kellha tifel - il-futur Kanonku Kantur, Dun Ġużepp Bonello, li xejn inqas minn ommu u nannuh, jaqsam l-imħabba li ġustament għandu għal Bormla ma' mħabbtu għaż-Żejtun.

Fl-4 ta' Frar, 1892, miet Giovanni Buhagiar (12), wara li laħaq żejjen lill-knisja taż-Żejtun b'waħda mill-isbaħ opri. Kellu biss 50 sena! B'sinjal ta' gratitudni lejh, l-Arċipriet Dun Anton Psaila, fir-reġistrazzjoni tal-mewt tiegħu, għamel ħaġa li mhux soltu kien jagħmilha. Kiteb hekk: *Hic super: anno marmore stravit pavimentum hujus S. Matr. Archip. Par. lis Ecclesiæ Zeitun*.

Fl-aħħar - veru fl-aħħar - xi ħadd ftakar fih!

***Riferenzi***


1. A.P.Z. MS 128
2. Ibidem, mhux impaġnat
3. Robert Mifsud Bonnici, "Diżżjunarju Bio-Bibbjografiku Nazzjonali", pp.556, 557.
4. A.P.Z. Status Animarum 1883, Casa 92, Strada Santa Maria.
5. A.P.Z. Lib. Matr. XV, f.4r.
6. A.P.Z. Lib. Def. XII, f.96v.
7. A.P.Z. Lib. Matr. XV, f.52v.
8. A.P.Z. Status Animarum 1867.
9. A.P.Z. Lib. Def. XIII, f.56v.
10. A.P. Cospicua, Lib. Matr. XIII, f.285v.
11. A.P.Z. Lib. Matr. XVII, f.135v.
12. A.P.Z. Lib. Def. XIII, f.144r.


**Kan. Dun Joe Abela**




PALM VALLEY

BAR & RESTAURANT

*Making the food you can't refuse!*



Booking accepted for:
• Hen Nites • Stag Nites • Birthday Parties •
• Anniversaries... & lots more! •

OPEN
Monday to Saturday: 6pm to 12pm
Sunday All Day: 12am to 12pm

Triq il-Gardiel, M'scala

Tel: 21 636278 • Mob: 9947 5862